# Togħma ta' Trab

Nadia Mifsud

Tgħolli ħuġbejha, ommi, hekk kif nirfes l-għatba tal-bieb. Ixxengel rasha u tilqa' dil-kisja trab li suppost hija jien bi tbissima jekk xejn perplessa. X'taqbad tgħid? Dak li kellha tgħid, ilha li qalitu u allura tiġbed nifs qawwi u tiskot. Għajnejha ħaġ'oħra. Għajnejha ma jisktux, għalkemm ma nafx niddeċifra kulma l-aħdar skur tagħhom qiegħed jipprova jgħidli. Naf biss li fihom ma jien nara l-ebda ċanfira.

Taf, ommi, li l-hena tiegħi nsir żibel. Inħobbha s-sensazzjoni tat-trab fuq ħwejġi, fuq wiċċi, fuq idejja, fi mnifsejja. Bħallikieku jeħtieġli dil-kisja fina bħala tarka bejn dak li hemm mill-ġilda 'l ġewwa u dak li jidher mill-ġilda 'l barra. Bħallikieku t-trab, hu u jinfed il-pori, kellu l-ħila jbiddel il-ġilda f'qoxra. Jew wiċċi f'maskra. Inħobbha s-sensazzjoni tat-trab fuqi għax tfisser li għad għandi l-libertà li nitħammeġ, jekk irrid. U rrid. Iktar ma nitħammeġ, iktar titqawwa l-impressjoni ta' libertà. F'dal-pajjiż, il-libertà għandha togħma ta' trab.

"Skurjajt?" tistaqsini.

"Darbtejn!"

"Irbaħtu allura?"

"Iva. Tlieta bi tnejn. Wieħed minn fuq."

U nferra' f'dak l-aħdar skur tbissima li tesa' biss in-nofs tas-sodisfazzjon u l-eċitament li hemm ibaqbqu ġewwa fija. Iżda għajnejha qed jibbru xorta.

Imbagħad taqbadli geddumi bejn il-werrej u s-seba' l-kbir, tgħollili tikka rasi u tgħidli: "Mhux aħjar tmur titlaħlaħ, għid?"

Kull darba li tressaq wiċċha daqstant qrib wiċċi, nistħajjilha qiegħda tgħarrex għal xi ħjiel, anki ċkejken, tat-tarbija li darba kont. Nistħajjilha tixtieq tgħidli affarijiet li forsi qatt ma qalithom lil ħadd.

Missieri jinża'ż-żarbun u jintefa'fis-soltu rokna, bil-minkeb tax-xellug iserraħ fuq ħoġru, u geddumu jserraħ fuq il-pala t'idu, daqslikieku għonqu waħdu ma jiflaħx it-toqol ta' rasu. Rasu jarma jxengilha b'sens ta' diżapprovazzjoni morra hekk kif ommi tneħħili l-beritta u bis-soltu nkejja gustuża tagħha, tieħu gost tqanfidli xagħri iktar milli diġà hu mqanfed. Kultant ikolli aptit inżerżaq subgħajha f'tiegħi, inbusilha trufhom bħalma ġieli kont nagħmel meta kont iżgħar. Imma n-nifs twil li jiġbed missieri jinterrompi ħesrem din l-istampa tiegħi nbus subgħajn ommi u bħal jerġa' jiżra' fuq wiċċha dik l-espressjoni kiebja li dan l-aħħar tista' tgħid saret xi ħaġa ta' kuljum.

Fuq wiċċ missieri wkoll tinfirex espressjoni kiebja hekk kif jintilef jiċċassa lejn it-tapit. Min jaf hux jistħajjel lil ħsibijietu jitħabblu fin-nisġa tal-arabeski jonkella hux jittama li l-liwjiet u t-tidwir tagħhom jistgħu b'xi mod iwassluh f'post fejn il-mistoqsijiet tiegħu jsibu t-tweġibiet li ilu tant ifittex. Issa, għajnejn ommi qed jamruli mmur ninħasel mingħajr kwistjonijiet u ħela ta' ħin.

Billejl, nisma' lil ommi u 'l Baba jargumentaw minn taħt l-ilsien. Minkejja s-skiet, kliemhom jilħaq jinħataf mid-dlam, isir tfesfis, sakemm jasal f'widnejja. Naf li fuqi qegħdin jitkellmu. Naf li ommi qed tipprova, bħas-soltu, taqbeż għalija kif tista'. Naf li għajnejha probabbli qed ifuru bid-dmugħ hekk kif tiġbed il-friex sa geddumha, iddur fuq ġenbha, tagħti daharha lil dar-raġel li ilu żewġha għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena, u tiġbed nifs twil, taħlita ta' rabja u rassenjazzjoni li tibqa' tħuf fl-arja sa ma jisbaħ l-għada u tiġi tqajjimna, lili u lil ħuti, b'taħrika ċkejkna fuq spallitna u bewsa fuq moħħna.

Nogħxa nara r-ritwal tal-malji kull filgħodu. Ommi timmalja xagħar Atifa, waqt li Atifa timmalja xagħar Dunja. Faħima m'għandhiex bżonn min jimmaljalha xagħarha. Subgħajha esperti jafu jisiltu xuxitha fi tlieta u jinsġu malju f'kemm ili ngħidlek, mingħajr tagħqid, mingħajr tberfil. Meta konna għadna żgħar, ommi kellha ħabta tgħid li xagħri u xagħar Faħima kien bħal tagħha fi xbubitha – iswed, oħxon, bellusi. Dak iż-żmien, xagħarna kienet taqtagħhulna hi. "Ara m'hemmx żeglig," kienet twissina, hi u żżeffen l-imqass

ftit ċentimetri 'l fuq minn rasna. Għadni niftakar id-dehxa li kienet taħkimni kull darba li dik il-ponta kiesħa kienet tgħaddi żbrixx minn ħdejn il-qarquċa ta' widinti. Xagħar Faħima (jew aħjar it-truf tiegħu) għadha taqtgħu ommi. Tiegħi le, imma. Issa xagħri sirt naqtgħu għand il-barbier. U għalkemm għadni nitmeżmeż ftit mill-imqass u jittikani l-kumment tiegħu ta' kull darba – "allura meta se nqaxxrulek il-leħja lilek?" – nieħu gost immur naqta' xagħri. Fuq kollox, nieħu gost fuq dik il-pultruna li għandu li titla' u tinżel. U nieħu gost inħoss l-irtuba ta' dik il-ġilda ħamranija li biha miksija l-pultruna anki jekk kulurha kultant ifakkarni fid-demm.

Nammetti, xi ftit ta' għira nħoss għal ħuti li huma jistgħu jmorru l-iskola u jiena le. Faħima sentejn iżgħar minni imma saret taqra u tikteb ferm aħjar minni. Ittini tikka ġewwa din, għax meta kont għadni mmur l-iskola l-għalliema tgħidx x'bokka kellhom bija. Spiss kienu jfaħħruni għall-ħeffa li biha kont nifhem l-affarijiet. Mentri issa, meta ġieli nittawwal fil-kotba tal-iskola ta' Faħima, nintebaħ li ċerti somom bilkemm għadni naf naħdimhom u ċertu kliem inlaqalqu meta niġi biex naqrah. Mill-banda l-oħra, jien għandi libertà li ħuti m'għandhomx u li mhux żgur qatt se jkollhom. Nista' noħroġ fejn u meta rrid, l-aqwa li nidħol lura d-dar qabel jidlam. Nista' nkellem lil min irrid. Fuq kollox, nista' nilgħab futbol ma' sħabi kuljum jew kważi u anki nsuq ir-rota ta' Ħamid meta jogħġbu jsellifhieli.

Ħamid huwa l-ġar tagħna. Ir-raba' minn ċorma subien. L-iżjed wieħed gustuż minnhom kollha. Gustuż fis-sens ta' dħuli, fis-sens ta' qalbu tajba, fis-sens ta' ħelu fiżikament ukoll. Ħamid tampari. Ilna nafu lil xulxin minn meta konna għadna ħalib ommna fi sniena. Ħamid ta' spiss jiġi jagħtina daqqa t'id fil-garaxx, lili u 'l Baba. Fil-bidu, missieri kien iqisu bħala xkiel. Ġieli anki kesksu 'l hemm. Imm'issa, mhux talli drah, talli kultant jarah barka, l-iktar meta tiġi ġurnata fejn donnu kulħadd jinqalagħlu xi żikk u kulħadd jippretendi li ħaqqu jinqeda qabel l-oħrajn. Lil Ħamid kont jien li għallimtu kif ibiddel tyre, kont jien li wrejtu kif jiċċekkja hemmx biżżejjed likwidu fir-radjatur. Ħamid u jien sirna qisna d-di u d-do, u naf li nista' nafdah.

Ħamid jogħġobni. Iktar ma jmur, iktar qed isir jogħġobni. Dil-ġibda li nħoss lejh ili nipprova nirreżistiha – għalxejn. Ommi taf, m'għandix dubju. Mhux għax għidtilha. M'hemmx bżonn ngħidilha. Ommi, hi x'inhi. Probabbli tafni aħjar milli jien naf lili nnifsi. Donnha tifhem xi jkun għaddej minni anki

meta jien nibda nara biss taħbila ta' emozzjonijiet u lanqas ħjiel ma jkolli ta' kif nista' mqar nibda nħoll il-kobba.

Lil Ħamid qatt m'għidtlu xejn. Hu qatt ma qalli xejn lanqas, imma xi ħaġa tgħidli li jien nogħġbu wkoll.

* * *

Dalgħodu ma kontx f'sikti. Matul il-lejl żaqqi bdiet ittini fastidju u sa ma qomt, kienet bdiet tuġagħni ta' veru. Lanqas il-kolazzjon ma kelli aptit, jien li s-soltu għandi ħabta niffanga fl-ikel filgħodu. Missieri reġa' beda jxengel rasu, ħarstu tħuf wara ommi bħallikieku wiċċha seta' b'xi mod jipprovdilu tweġiba għall-mistoqsija li ma kienx jaf kif jaqbad jistaqsi. Ommi skartat 'l għajnejh hi u tissuġġerixxi li jkun aħjar jekk nibqa' d-dar. Jien ridt immur il-garaxx miegħu, bħas-soltu.

"Issa jgħaddili."

"Le, insa, illum hawn se toqgħod," iddikjara Baba b'leħen li tani x'nifhem li inutli nissuppervja. Daqstant ieħor inutli nibki, minkejja li f'gerżumti telgħetli għoqla u għajnejja qed jaħarquni. Jekk nibki, inkun qed nistiednu jgħid dak li ma rridx nisma'. Jekk nibki, inkun qed inwaqqa' l-ġebla fuq saqajja. Apparti li lanqas naf għadnix kapaċi nibki. Drajt inreġġa' lura d-dmugħ, nibla' kollox bla ma nħalli 'l wiċċi jikxifni, inpoġġi għatu biex l-emozzjonijiet ma jfurux. Bilfors hekk trid tagħmel. Inkella ma ssibx postok fid-dinja maskili.

Qed niskopri li lanqas fejn suppost hu posti bejn dawn l-erba' ħitan m'għadni naf. Ommi għaddejja bix-xogħol tad-dar, faċenda wara l-oħra, bħal kull ġurnata oħra ta'ħajjitha kemm ilha tgħix hawn ġew. Il-ġesti tagħha qishom parti minn ritwal li jeħtieġ li kollox dejjem isir l-istess u fl-istess ordni, inkella … inkella ma nafx. Inkella jista' jkun li jibdew jinbtu mistoqsijiet perikolużi. U magħhom ħafna frustrazzjoni. Inkella hemm riskju li kollox jiġġarraf bħal torri tal-karti. Jekk titbiegħed imqar pass minn dak li hemm miktub għalik, tkun qed tissogra li taqbad triq li taf twassal għal ħafna inkwiet. Tkun qed tbexxaq il-bieb u tistieden lix-xitan f'qalbek. "Qatt tagħtu widen lit-tpespis tax-xitan." Dejjem hekk wissiena Baba.

U l-kuntentizza allura? Skont missieri, il-kuntentizza ssibha meta tagħmel dak li hu mistenni minnek. Meta żżomm mar-regoli. Għax ir-regoli ma

ġewx mix-xejn. Ir-regoli qegħdin hemm biex jipproteġu lil kulħadd. Għall-ġid ta' kulħadd. U jekk il-ħolm u x-xewqat tiegħek imorru kontra r-regoli, jeħtieġlek tissagrifikahom. Wara kollox, is-sagrifiċċju fih innifsu wkoll iwassal għall-kuntentizza.

Jien li naf hu li regoli hawn wisq u lili ma jogħġbunix. Speċjalment meta jkunu bla sens. Ħu minn ommi. Meta konna żgħar, ta' spiss kienet tħammem xi melodija hi u ssajjar jew tnaddaf jew tippettnalna xagħarna. Faħima u jien konna nispiċċaw inħammu magħha. Inħammu u nitbissmu. Ġieli nħammu u niżfnu, induru u nagħqdu id f'id sakemm konna naqgħu għoqda waħda fl-art bla nifs, mogħxijin bid-daħq, ferħanin iktar milli kieku sirna sinjuruni f'tebqa t'għajn. Ommna magħna. Imbagħad wiċċha kien jiċċajpar f'daqqa u minn bejn snienha kienet iżżerżaq, xotta xotta, "Ara qatt ma jfettlilkom tħammu barra mid-dar. Jew tidħqu kif tidħqu hawn ġew." U f'kemm ili ngħidlek kienet tqum u terġa' lura għal dak li kienet tkun qed tagħmel, u timmuta. Issa m'għadhiex tħammem ommi. Qed nipprova niftakar l-aħħar darba li smajtha tħammem u mhux qed jirnexxieli. Probabbli tant ilu li nsejt.

Min jaf xi tweġibni ommi kieku kelli nistaqsiha x'inhi l-kuntentizza. Min jaf għadhiex taf x'inhi kuntentizza.

Dan l-uġigħ ta' żaqq qatt ma kelli bħalu. Uġigħ ta' żaqq ġieli kelli, imma dan differenti. Dan qisu travu stendut minn naħa għal oħra ta' żaqqi. Forsi qed nesaġera. Forsi travu kelma kbira. Li rrid ngħid hu li mhix xi għafsa ta' wġigħ li tiġi u tmur, iġġiegħlek tinbaram fi tnejn għal ftit sekondi mbagħad daqshekk. Huwa wġigħ kontinwu, insidjuż, bħal qisu jrid jokkupali żaqqi kollha.

Ommi għaddejja bix-xogħol tad-dar, tlesti faċenda tibda oħra. Nixtieq ngħinha, jekk xejn għas-sempliċi gost li nkun qribha. Iżda m'għadnix naf kif. Ma nafx x'naqbad nagħmel. "Mur imtedd," tgħidli. Naqbad magazine li sellifli Ħamid u nintefa' nqalleb fih. Mhuwiex magazine riċenti – ħu Ħamid, il-kbir nett, kien iddubbah mingħand suldat Amerikan, issa ilu ftit – uħud mill-paġni mqattgħin, oħrajn mgħawġin, oħrajn għandhom it-truf mikulin. Fuq il-qoxra hemm tebgħa kbira tal-kaħwa. Xi jfisser il-ftit kliem ta' ġo fih, m'għandix idea. Iżda xorta nieħu pjaċir inqalleb fih, bejn għax naf li huwa għal qalb Ħamid u allura bħal inħossu qed iqarribni lejh, bejn għax iġenneb għal ftit ħin l-uġigħ ta' żaqq u l-ħafna thewdin li kien beda jinħema f'moħħi.

Ma tilħaqx tgħaddi kwarta li ma tmurx għajni bija u nintelaq f'raqda ħelwa fejn ir-ritratti tal-players jitħalltu f'nisġa stramba mal-ħoss tal-knis t'ommi.

Nistenbaħ ftit wara f'silenzju perfett. Inqum biex nara jekk ommi ħarġitx fil-bitħa jew hijiex tħit fil-kwiet ta' xi rokna, u hekk kif nitħarrek, inħoss ċarċira sħuna bejn kuxxtejja. Qalbi tagħmel tikk. Nagħmel nofs tużżana passi u nerġa' nħoss ġismi jnixxi. Minn ġot-tieqa, ommi tarani nieqaf ħesrem, taqbad l-espressjoni ta' fuq wiċċi hekk kif istintivament inbaxxi rasi biex niċċekkja ċappastx ħwejġi, u tifhem mill-ewwel x'inhu jiġri.

Lil ommi nokorbilha biex ma tikxifnix ma' missieri.

"Ma jistax ikun is-sigriet tagħna dan, għid? Tagħna t-tnejn biss? Imqar għal ftit? Jekk Baba jsir jaf, żgur mhux se jħallini mmur iktar miegħu l-garaxx. U ma nkunx nista' mmur inbigħ il-fliexken tal-plastik vojta. Int stess kont għidt li għandna bżonnhom dawk il-ftit flus żejda. Tiftakar? Int kont qbilt miegħi."

Ma tweġibnix. Tibqa' daharha lejja, tfittex u tqalleb fil-gwardarobba biex tara ssibx xi ħaġa minn ħwejjiġha li tista' tiġi lili.

"Mur biddel," tgħidli.

"U ejja, Ma …"

"U ejja xejn. Li kieku ma ġratx illum, xorta kienet se tiġri xi darba. In-natura ma tistax taħrab minnha, binti."

"Ma, jekk jogħġbok. Ma nistgħux ma ngħidulu xejn għalissa lil Baba? Imqar għal ftit żmien?"

"Ismagħni. Issa jeħtieġlek terġa' ssir tifla. Jeħtieġlek terġa' ssir Żohra. Iktar ma taċċettaha malajr, inqas tbati. Naf x'qed ngħid."

"Le, ma tafx."

"Iva, naf. Jien ukoll kont *bacha posh*."

"Int ukoll kont *bacha posh*?!"

"Iva, Żohra, jien ukoll kont *bacha posh*."

Nixtieq ngħajjat u nwerżaq. Nixtieq nimbuttaha u fl-istess ħin nixtieqha tagħfasni magħha. Nixtieq niggranfa ma'dak l-aħdar skur t'għajnejha u naħfen is-sigrieti kollha li ilha snin issorr ġo fih. Nixtieq nibki u m'għadnix naf nibki. Nixtieq ngħidilha li ma nistax nerġa' nkun Żohra għax ma niftakarx kif kienet Żohra. Għax Żohra mhix jien. Jien m'għadnix Żohra mlibbsa ta' tifel biex inkun nista' ngħin lil Baba fil-garaxx, biex niffrankalu li jħallas lavrant, biex inġib ġiex soldi żejda d-dar mill-fliexken tal-plastik li niġbor fit-triq u li mmur inbigħ lill-

fabbrika tar-riċiklaġġ. Żohra waqfet teżisti snin ilu. Jien issa Mehran. Ma rridx nerġa' nsir Żohra. Ma rridx insir mara.

* * *

Missieri qal li minn issa 'l quddiem, m'hemmx iktar garaxx. M'hemmx iktar ħruġ waħdi. M'hemmx iktar barbier u futbol filgħaxijiet. U, ovvjament, m'hemmx iktar roti u m'hemmx iktar Ħamid.

Missieri qal li minn issa 'l quddiem, jeħtieġli nerġa' nsir tifla, tfajla, mara, (donnu lanqas hu ma jaf x'kelma għandu juża), irrid u ma rridx. Jeħtieġli nieqaf nagħmel ta'rasi. Jeħtieġli nieqaf ngħid iċ-ċuċati u ninsa li kont Mehran. Inkella b'rasi jdur.

Missieri qal li kuġinuh li jgħix Jalalabad għandu mnejn jitħajjar jiżżewwiġni. Missieri qal li l-idea ilha tberren f'moħħu u li jħossu konvint li dik hi l-aħjar soluzzjoni. Inqas seksik. Inqas inkwiet. Intant, Atifa tista'teħodli posti fil-garaxx. Tista' tibda tmur minfloki tiġbor il-fliexken tal-plastik, imbagħad tbigħhom lill-fabbrika tar-riċiklaġġ. "Insemmuk Mukthar jew Abdul Malek, xi tgħid? Jogħġbok Mukthar, eh?" staqsiha, għajnejh niffieda f'wiċċ Atifa, ifittxu liema ħoss maskili seta' l-aħjar inessi dawk il-fattizzi ta' tifla, leħnu mtebba' b'żegħil ħelu wisq biex ikun ġenwin.

Jien qed inħossni ninħakem mir-rogħda. Qed inħoss dawn l-erba' ħitan jingħalqu fuqi, għoddhom jgħaffġuni, għoddhom jifgawni. Qed infittex għajnejn ommi bit-tama li jistgħu jgeżwruni, jgħiduli xi ħaġa, bit-tama li nsib fihom ftit sabar. Qed infittex għajnejn ommi biex nitlobhom jirritaljaw, jisfidaw lil missieri. Qed infittex għajnejn ommi biex nistaqsihom għalfejn jeħtieġ li niżżewweġ. Biex nitkarrbilhom. Jekk veru jeħtieġli niżżewweġ, ma nistax għallinqas niżżewweġ lil Ħamid, minflok dal-kuġin ta' Baba li jgħix Jalalabad? U nsib l-aħdar skur tagħhom, insibu qisu żlieġa, qisu ilma mdardar, u nħossni niżloq għal ġo fih, kważi negħreq fih, u issa naf. Naf li dak l-aħdar skur darba tiegħem it-trab u ħabbu bħali. Naf li kien hemm żmien fejn kien jogħxa jimraħ, imma ma damx wisq ma kellu jinsa l-beraħ, sakemm spiċċa biex dara jħares biss lejn l-art u l-ħitan. Issa naf li ommi ilha li nsiet x'jiġifieri kuntentizza.